NEWSPAPER POST

Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Novembru - Diċembru 2000 Nru: 117

# Messaġġ mill-Arċipriet

Is-Sena li waslet biex tintemm hi waħda li ser nibqgħu niftakruha għat-tifsira straordinarja tagħha: l-elfejn waħda mit-twelid ta' l-Iben wħdieni t'Alla bħal bniedem. Ninsabu fil-bidu tat-tielet millennju Nisrani. Iċċelebrajnieh fil-liturġija, fil-ħajja spiritwali tagħna ta' kuljum, fil-pellegrinaġġ Marjani u l-pellegrinaġġ f'Ruma li għamilna, fl-inizjattivi pastorali li ħadna, fil-proġett taċ-Ċentru Parrokkjali li bdejna u fiċ-Ċentinarju l-Kbir ta' San Ġorġ li qed ifeġġ quddiemna.

Ninsabu resqin lejn tmiem is-Sena tal-Ġublew il-Kbir. Matul din is-sena kienu eluf kbar l-Insara li żaru l-knisja parrokkjali tagħna biex jitolbu, iwettqu d-dmirijiet insara tagħhom u jakkwistaw merti u indulġenzi fiha. Inħeġġiġkom sabiex fil-jiem li fadal, sakemm din is-sena ta' grazzja tasal fi tmiemha, tapprofittaw ruħkom mir-rebħ ta' l-indulġenza plenarja għalikom u għll-mejtin tagħkom.

Iż-żmien qaddis tal-Avvent, jiġifieri ż-żmien liturġiku ta' l-istennija tal-Mulej, hu żmien ta' grazzja jekk ngħxu l-ispirtu tiegħu. Ejjew nagħmlu minnu żmien ta' indiema, konverżjoni tal-qalb, familjarizżazjoni mal-Kelma t'Alla, talb liturġiku (eż.: bis-sehem fil-kant tat-talba ta' l-Għasar il-Ħadd fil-għaxija) u personali (rużarju kuljum), opri ta' ħniena u mħabba u eżami tal-kuxjenz tajjeb bi tħejjija għal meta niltaqgħu wiċċ mb'wiċċ mal-Mulaj, Imħallef tagħna. Dan hu l-aħjar mod biex inħejju għat-tifkira tal-miġja tiegħu fostna bħala tarbija fil-Milied li ġej.

Inħeġġeġ lill-Komunita' Parrokkjali tagħna biex fil-jiem tl-Milied li ġejjin tinġabar fil-Bażilika Ġorġjana, id-dr qaddisa u sabieħa tagħna lkoll, għall-festi kbar ta' liturġija u mużika li jsiru fiha. Hi ħasra li ħafna Ġorġjani qed jitilfu huma u jtellfu lil uliedhom il-ġmiel li jkun hawn ġo San Ġorġ minħabb dasxejn kumidita' li jsibu f'kappella wara biebhom. Min-naħa l-oħra dal-ġmiel inħalluh biss għall-eluf ta' Insara li jiġu minn barra l-Parroċċa ta' San Ġorġ. Din il-knisja hi d-dar tagħna, hi l-ġieħ tagħna, hi t-teżor tagħna.

Nittama li nara l-Bażilika Ġorġjana aktar iffullat mis-soltu, matul il-ġurnata kollha u speċjalment fil-festi kollha, f'dawn il-ġranet ta' Avvent u l-Milied.

Mawgura lill-Parruċċani ta' San Ġorġ, lill-Insara kollha ta' beltna, lill-qarrejja kollha ta' din ir-rivista, lil ħutna l-emigranti u lil dawk kollha li jżuruna fil-jiem li ġejjin, il-festi tal-Milied qaddisa u s-sena l-ġdida t-tajba mimlijin b'kull ġid mis-sema.

## INSELLMU LIL DUN NIKOL



Bħal sajjetta fil-bnazzi nhar il-Ħamis 16 ta' Novembru 2000 ġriet l-aħbar li l-Wisq Rev. Kan. **Dun Nikol Vella Apap** ħalla dan il-wied tad-dmugħ. Dun Nikol kien kontributur regolari tar-rivista tagħna, fil-fatt l-aħħar artiklu tiegħu qed jidher f'din il-ħarġa, kif ukoll saċerdot mill-iktar ħabrieka fil-Parroċċa tagħna. Filwaqt li nsellmulu u nirringrazzjawh nixtiequ lil ħuh u lil qrabatu kollha kull faraġ u nitolbu lill-Mulej jagħtih il-mistrieħ ta' dejjem fil-glorja tiegħu.

*Iktar dettalji f'paġni 4-5*

## Il-Milied u s-Sena t-Tajba lil Kulħadd



IL-BELT VICTORIA
*Rivista ta' kull Xahrejn*



*Uffiċċju Editorjali:* **Centru Parrokkjali San Ġorġ
Triq il-Karità, Victoria, Għawdex**
Tel: 55 63 77 • Fax: 55 69 81
E-mail: sangorg@vol.net.mt
Website: www2.vol.net.mt/org/sangorg

## MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITÀ PARROKKJALI

24.09.2000: **MICHELA** bint Jason Zammit u Sarh nee' Vella
06.10.2000: **SASHA** bint Michael Buttigieg u Daniela nee' Lanzon
07.10.2000: **JADEON** iben Sonia Moffit
08.10.2000: **SABRINA** bint Paschal Grech u Maria nee' Sacco
27.10.2000: **OLIVER** iben Emanuel Grech u Jenise nee' Xuereb
27.10.2000: **KATYA** bint Aldo Livori u Maria nee' Schembri
03.11.2000: **CHLOE** bint Richard Grech u Ceri nee' Attwater

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

10.12.2000: Chris Dimech u Jennifer Attard
17.12.2000: Joseph Micallef u Patricia Scerri

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

12.10.2000: Giorgia Formosa
18.10.2000: Dolora Vella
16.11.2000: Rev. Kan. Dun Nikol Vella Apap

## Grazzi

***Donazzjonijiet b'Risq ir-Rivista***

| | |
|---|---|
| N.N. Victoria | Lm2 |
| Ġużeppui Galea (Nadur) | Lm5 |
| George Cini (Aust.) | 40Aus$ |

## ĊENTRU PARROKKJALI



Il-bini tas-sular t'isfel taċ-Ċentru Parrokkjali l-ġdid dalwaqt jintemm. Fil-pjanterren se jkun hemm l-entrata ta' Triq San Ġorġ, il-kaxxa tat-taraġ, il-kjostru, kmamar għall-irfigħ, laboratorju pastorali, uffiċċji, toilets u kamra għas-sagristani. Il-pjanterren ġdid se jingħaqad fuq żewġ livelli maċ-Ċentru Parrokkjali attwali. Il-bini tal-kappella jinbeda aktar tard, wara li jitla' wkoll l-ewwel pjan. Kif jgħidilna ta' sikwit l-Arċipriet Mons Ġużeppi Farrugia, iċ-Ċentru Parrokkjali - li barra l-kappella se jinkludi residenza għas-saċerdoti - hu proġett ta' ħtieġa pastorali mhux biss għal żmienna imma wkoll għall-ġenerazzjonijiet futuri. Filwaqt li nifirħu bil-ġenerożita' ta' dawk li taw kontribuzzjonijiet għal dan il-proġett, inħeġġu lill-qarrejja biex jagħtu sehemhom, skond ma jistgħu, biex din l-opra tajba tasal sat-tmiem.

# Editorjal ...

## LEJN TMIEM IL-ĠUBLEW IL-KBIR TAS-SENA 2000

Is-sena tal-Ġublew il-Kbir tal-Knisja Kattolika qed toqrob lejn it-tmiem. Kienu diversi l-attivitajiet djoċesani u parrokkjali li ġew organiżżati fl-okkażjoni ta' din is-Sena Ġubilari.

Nistgħu b'wiċċna minn quddiem ngħidu li l-parroċċa tagħna organiżżat l-ikbar pellegrinaġġ lejn il-Belt Eterna mid-djoċesi ta' Għawdex. Iktar minn mitt ruħ ingħaqdu magħna, flimkien mal-Kor 'Laudate Pueri' f'dn il-pelliġrinaġġ li dwru tajna rapport dettaljat fil-ħarġa li għaddiet ta' din ir-rivista.

Forsi għad hawn min, minkejja l-pubbliċita' li ngħatat din is-Sena Ġubilari, li ma daħalx fl-ispirtu veru li għalih giet mnedija din is-sena. Matul din is-sena, li fija qed infakkru elfejn sena ta' Kristjaneżmu, kellna nsibu ċans li ngħarblu sewwa kif qed ngħixu l-fidi tagħna llum, bid-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom fis-soċjeta li qed timbidel kważi kuljum. Ikun għajb għalina jekk dawk li għadhom ma fehmux dan l-iskop li jibqgħu bierda u ma jagħtux kas ta' dak li kellu jfisser għalina l-insara l-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000.

Mill-paġni tar-rivista tagħna matul din is-sena għamilna dak kollu possibbli biex inqanqlu neteress u nispjegaw it-tifsira ta' dan il-Ġublew. J'alla t-tagħlim li tajna serva biex il-Komunita' Parrokkjali tagħna setgħet tifhem sewwa u tapprofitta ruħha mill-ġid spiritwali li hu mistennni johroġ minn din is-sena.

## MILIED IEĦOR

Fi ftit ġranet oħra niċċelebraw il-Milied. Ikun xieraq li l-membri kollha tal-Komunita' tagħna jipparteċipaw fl-attivitajiet li jiġu orgniżżati kemm bi thejjija kif ukoll fil-ġranet sbieħ tal-dawn il-festi qaddisa. J'Alla kollha kemm aħna nitħejjewgħat-tifkira tal-miġja ta' Kristu fostna, kemm matul il-jiem ta' l-Avvent, kif ukoll matul in-Novena tal-Milied. It-tiżjin, il-presepji, l-ikliet, il-kartolini li nibgħatu huma kollha affarijiet sbieħ, imma l-iktar mportanti huwa li aħna verament nqaddsu dan il-Milied li ġej u nifhmu dejjem iktar it-tifsira tl-miġja ta-Feddej.

Il-Bord Editorjali jixtieq lill-membri kollha tal-Komunita' tagħna kull risq, barka u paċi għall-Milied li ġej u għas-sena l-ġdida.

# Il-Kor Laudate Pueri f'Ruma fis-sena tal-Gublew il-Kbir

Żgur li l-Kor Laudate Pueri tal-Bażilika tagħna ma setax jiċċelebra b'mod iktar den u xieraq din is-sena Mqaddsa, li taħbat ukoll il-25 sena mit-twaqqif tiegħu bil-ħidma tas-seminarista Joseph Farrugia (illum Arċipriet tal-Parroċċa tagħna), mill-mod li bih iċċelebraha: pellegrinaġġ f'Ruma flimkien mal-parroċċa.

Kien preċiżament sentejn ilu meta l-Kor kien il-misteden speċjali mill-organiżżaturi tal-Farfa International Festival flimkien ma' l-Orkestra Sinfonika ta' Sarajevo, meta l-Kor kanta waqt il-Quddiesa Solenni fl-okkażjoni tal-festa tal-Papa San Piju X fil-Bażilika ta' San Pietru, li d-diriġenti tal-Kor kienu ġew avviċinati mir-responsabbli għall-Liturġija fil-Bażilika ta' San Pietru u l-Kor ġie mistieden sabiex ikanta waqt Quddiesa Stazzjonali fl-okkażjoni tas-sena tal-Ġublew il-Kbir. Din l-istedina kienet ta' unur u ġieh kbir għall-Kor li ra ikkonfermat, għal darba oħra mill-aqwa awtoritajiet esperti fil-qasam, l-istil tal-kant liturġiku li dan il-Kor daħħal f'pajjiżna u li ilu jippromwovi għal dawn l-aħħar 25 sena. Dak inhar ukoll kienet ġiet issuġerita d-data tal-quddiesa jiġifieri il-Ħadd 29 ta' Lulju tas-sena 2000. Il-Kor laqa' b'ferħ u b'apprezzament kbir din l-istedina u impenja ruħu għal dan is-servizz fil-Knisja simbolu universali tal-Kristjaneżimu, li fiha il-Kor kellu l-grazzja li jkanta tlett darbiet waqt Quddies Solenni.

Mill-istedina tal-Kor nibtet l-idea li jiġi organiżżat pellegrinaġġ parrokkjali mmexxi minn Mons. Arċipriet flimkien ma' diversi saċerdoti oħra tal-parroċċa fosthom Mons. Salv Borg, arċipriet emeritus, li ukoll kien preżenti mal-Kor meta saret l-istedina sentejn ilu f'Ruma. Dan il-pellegrinaġġ sar u tmexxa bl-ikbar suċċess u frott spiritwali għall-pellegrini li kellhom il-grazzja li jipparteċipaw fih (ara rapport minn Michael Formosa fil-ħarġa ta' Sett.-Ott. 2000). L-impenn liturġiku prinċipali tal-Kor kienet ovvjament il-Quddiesa Solenni Konċelebrata ppreseduta minn Mons. Arċipriet Dr. Joseph Farrugia li matulha l-Kor esegwixxa l-Missa de Angelis ta' Domenico Bartolucci (li kien introduċa f'Malta fis-sena 1977) u motetti sagri ta' Palestrina, Bartolucci u Vella. Fost l-oħrajn il-Kor kanta żewġ siltiet bil-Malti: Nadurawk ja Ħobż tas-Sema (fuq l-arranġament ta' Mro. Joseph Vella għal erba' vuċijiet femminili) u l-Innu Georgius natus est. L-assemblea miġbura kienet mimlija bi kliem ta' apprezzament u ta' tifħir għal mod eżemplari li bih il-Kor kanta waqt il-Quddiesa. Dak li laqat b'mod speċjali hu t-timbru mill-isbaħ tal-kor tant li ħafna minn dawk preżenti ħasbu li kien qiegħed ikanta l-Kor tal-Cappella Sistina. L-applaws spontanju fl-aħħar tal-Quddiesa kienet xhieda ta' l-ammirazzjoni tal-barranin li kienu preżenti għall-Quddiesa li baqgħu mistagħġba b'dan il-Kor minn Malta, li ħafna minnhom semgħu b'pajjiżna għall-ewwel darba dak inhar.

Mument ieħor sinjifikattiv għall-pellegrini kollha kienet iż-żjara fil-Bażilika Kostantinjana ta' San Giorgio al Velabro fil-qalba tal-Foro u ta' Ruma antika. Hawnhekk sar talb lill-Qaddis Patrun ta' Għawdex San Ġorġ Megalomartri u tkanta l-innu Georgius natus est. Il-Kor kanta



wkoll fil-Bażilika Santi Apostoli fejn il-patri gwardjan immedjatament stedinna sabiex inkantaw fil-Pontifikal Solenni li jsir fl-Ewwel tas-Sena! Stedina sabiħa iżda naturalment dak inhar fil-Bażilika tagħna nkunu! Il-Kor kanta wkoll fil-Bażilika tal-Madonna f'Loreto u waqt Quddiesa fl-ewwel Kappella mibnija fis-Sacro Convento f'Assisi: il-Kappella ta' Frate Elia. Dan kien mument ta' talb sabiħ ħafna li kulmin kellu l-grazzja li jgħixu żgur li ma jinsieħ qatt.

Mil-lat kulturali, il-Kor kien mistieden sabiex jiftaħ b'kunċert ta' mużika sagra il-Festival dell'Altopiano delle Rocche li jsir matul ix-xahar ta' Awwissu. Dan il-kunċert kien ta' suċċess kbir ieħor għall-Kor li kanta fi Knisja mimlija daqs bajda quddiem nies ta' kultura kbira. F'dan il-kunċert il-Kor interpreta siltiet li f'pajjiżna sar sinonimu magħhom u li bena r-reputazzjoni tajba li jgawdi proprju għall-interpretazzjoni stupenda tagħhom: motteti sagri ta' Allegri, Palestrina, De Victoria, Lassus, Bartolucci u Vella.

Ċertament li l-pellegrinaġġ f'Ruma, sew mil-lat reliġjuż-liturġiku kif ukoll mil-lat kulturali-uman, kien suċċess li jkompli jawgura tajjeb ħafna għall-futur ta' eċċellenza fil-qasam tal-mużika korali mill-Kor Laudate Pueri fil-Bażilika tagħna u f'pajjiżna.




Indunajtu ja ħbieb tiegħi
Illi wasal l-Milied-
Festa kbira u għażiża
Ma' l-irħula u fl-ibliet!

Fuq kull wiċċ ta' ferħ tbissima
Tilmaħ żgur f'daż-żminijiet
U kulħadd erħilu jtenni
Riesaq, magħna, il-Milied!

It-twelid tal-Bambin ċkejken
Iferraħ bil-wisq il-qlub
Quddiem dix-xena ta' l-għaġeb
Bil-ferħ tħoss qalbek iddub.

Għalkemm taru elfejn sena
Mindu seħħet din il-ġrajja
Il-messaġġ għadu attwali,
Ma jeqdiemx, u mimli ħajja.

Ġesù twieled fqajjar f'Betlem
Sabiex jifdi lil kulħadd
Ma kellux ħitan, fruntieri
U ma jħares lejn wiċċ ħadd.

Qtajja' t'anġli ttajru hienja
Mat-twelid ta' dit-tarbija
Lis-sema mlew bil-hena
Waqt li kantaw għalenija.

Ħabbru l-paċi lin-nies twajba
Glorja 'l Alla fis-smewwiet
Minn ġo l-għar għeri u kiesaħ
Il-bambin dan xtaq u ried.

Tgħid qegħdin nghixuh il-amar
Qegħdin nobduh lill-Bambin!
Jew qegħdin nagħmlu fattina
Lil Ġesù nghadduh bil-ħin!

Sabiħ nibnu l-presepju
Kollu sagħtar u pasturi
Iżda ejjew inkunu umli
Nagħmlu bħall-adoraturi.

Li f'riġlejn Ġesù inxteħtu
Hekk kif semgħu b'dik l-aħbar
Li l-Bambin kien twieled f'Betlem
F'nofs ta' lejn, f'daqsxejn ta' għar.

B'hekk dan it-Twelid Imqaddes
L-ewwel wieħed ta' l-Elfejn
Lil qlubna jimla bl-imħabba
Ma jkunx ġie u mar għalxejn.

O Ġesù ħelwa tarbija
Fi djarna idħol dal-Milied
Toħroġ qatt, ibqa' hemm għal dejjem
Bik warajna jgħib l-inkwiet

Ġesù twajjeb, ċkejken tiegħi
Tinfiridx mument minn miegħi!

*Kav. Joe M. Attard*

# INSELLMU LILL-KANONIKU DUN NIKOL VELLA APAP

Nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Novembru, saru l-esekwiji funebri tal-Kan. Dun Nikol Vella Apap wara l-mewt tiegħu li ġrat fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex kmieni nhar l-Ħamis.

Il-mewt tal-Kanoniku Vella Apap ħasditna lkoll. Għalkemm konna nafu li kien marid serjament, fil-jiem ta' qabel Dun Kikol kien għaddha ħafna għall-aħjar u lkoll konna qed nittamaw li narawh mill-ġdid fostna. Dun Nikol kien iddaħħal l-isptar b'urġenza nhar it-Tnejn, 6 ta' Novembru. Nhar it-Tnejn stess, u l-għada t-Tlieta, kien sar talb speċjali għalih waqt il-quddies kollu li sar fil-bażilika u kienet indaqqet ukoll l-agunija.

Kienu bosta s-saċerdoti u l-parruċċani li żaruh fl-isptar, fosthom l-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia, kanoniċi tal-Kolleġġjata u membri tal-kleru tagħna.

Il-funeral tiegħu tħabbar b'mota mewt nhar il-Ħamis fit-8.00 a.m.u l-Ġimgħa f'nofs inhar. Fit-3.20 p.m. tal-Ġimgħa, il-Kapitlu ltaqa' fil-Kor biex jagħmel talb għalih bir-reċita' ta' l-Għasar u l-Uffiċċju tal-Qari tal-Mejtin. Imbagħad, għad-daqq sogħbien tal-qniepen kollha, il-fdal meqjum tal-Kan. Vella Apap ġie akkumpanjat proċessjonalment minn Salib it-Tiġrija bis-sehem tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-Kleru kollu tal-bażilika. Il-funeral tmexxa mill-Arċipriet Mons. Farrugiau u tul it-triq tkanta l-Miserere mużikat mid-Dekan Giuseppe Farrugia (Tal-Vers), skond ix-xewqa li kemm il-darba kien wera l-Kan. Vella Apap innifsu. Kien funeral dinjituż u sabieħ ħafna. Kienet sabieħa wkoll, u mill-aktar solenni, l-Konċelebrazzjoni li fiha ħadu sehem 104 konċelebranti, fosthom għadd sabieħ ta' saċerdoti sekulari u reliġjużi li ġew apposta minn Malta. Il-kant sar mill-Kor Laudate Pueri taħt id-direzzjoni ta' Dun Ġorġ Frendo u kien jinkludi kant Gregorjan u polifoniku.

It-tebut bil-fdal tal-Kan. Vella Apap tqiegħed fl-art f'nofs il-presbiterju bil-ktieb tal-Vanġelu miftuħ fuqu u bis-simboli tas-saċerdozju u l-kanonikat fuqu.

Il-Bażilika Ġorġjana kienet miżgħuda bin-nies, fosthom il-membri tal-familja tal-Kanoniku Vella Apap kif ukoll is-Sinjura T. Tabone f'isem żewġha l-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, l-Onor. is-Sinjura Ġ. Debono, Ministru għal-Għawdex, u s-Sindku Paul M. Cassar. Fl-omelija tiegħu Mons. Arċipriet tkellem dwar il-misteru tas-saċerdot u t-tifsira tiegħu fil-komunita' Nisranija.

Kemm fil-proċessjoni funebri kif ukoll fil-Konċelebrazzjoni ħadu sehem rappreżentanti tad-diversi kunsilli, kumitati u gruppi parrokkjali kif ukoll is-Sur Dolindo Cassar, President tas-Soċjeta' La Stella, is-Sur Paul Zammit, Segretarju flimkien ma' membri tal-kumitat u bandisti.

## L-omelija li għamel Mons. Arċipriet Ġużeppi Farrugia waqt il-Konċelebrazzjoni Funebri b'Suffraġju tal-Kan. Dun Nikol Vella Apap

*Christu heri! Christus hodie! Christus semper!*

Kristu l-bieraħ! Kristu llum! Kristu dejjem!

Kristu, u l-imħabba tiegħu l-bieraħ, jiġifieri qabel il-ħolqien tad-dinja li bih saret , għax kollox bih sar.

Kristu, u l-imħabba tiegħu llum, jiġifieri fiż-żmien, fil-ġrajjiet tagħna, fl-istorja tal-grazzja li lilu taf il-bidu tagħha, lilu li "niżel mis-smewwiet għalina l-bnedmin u għall-fidwa tagħna".

Kristu, u l-imħabba tiegħu dejjem, jiġifieri fl-eternita', fil-paċi li nittamaw, fil-ferħ li qed jistenniena, fis-sebħ imwiegħed lilna... fil-hena ta' l-intimita' ma' Alla fl-istess ħajja tiegħu.

Kristu l-bieraħ, u l-imħabba tiegħu! Kristu llum, u l-grazzja tiegħu! Kristu dejjem, u l-hena tiegħu.

Appuntu għal dan l-hena ġejt imsejjaħ, għażiż Dun Nikol, meta ma' tlugħ ix-xemx tal-jum tal-bieraħ ruħek ittajret lejn ix-xemx tal-jum ta' dejjem, lejn Kristu li ħabbek, żejnek bil-grazzja tiegħu u issa sejjaħlek għall-hena tiegħu.

Laqqgħajtna hawnhekk illejla, Dun Nikol, f'ġemgħa mnikkta avolja taf li m'għandhiex titnikket, f'ġemgħa ltima avolja taf li m'għandhiex tħossha ltima, f'ġemgħa xxukkjata avolja taf - għax hekk jgħallimna l-Appostlu Missierna - li triqat il-Mulej huma dejjem moħbija u misterjużi għalina.

Iva, ħuti, ninsabu hawnhekk miġbura madwar il-fdal meqjum tal-Kanoniku Nikol Vella Apap, imnikkta imma mfarrġin bil-fidi tagħna. Għax jekk

tabilhaqq it-triqat t'Alla huma moħbija għalina, imma mhumiex moħbija għal kollox. Qabel miet Ġesù, lill-appostli tiegħu, qalilhom: "Intom tafu fejn sejjer. Sejjer inħejjilkom post biex fejn inkun jien hemm tkunu intom ukoll. U t-triq tafuha... Jien it-triq!"



Dun Nikol laqagħha din it-Triq, għarafha u mxiha. Dun Nikol laqgħu lil Kristu, għamel ħiltu biex jagħarfu u ta ħajtu biex jimxi fit-triq tiegħu.

Dun Nikol twieled 70 sena ilu, fit-28 ta' Ottubru 1930. Ġie mgħammed f'din il-knisja parrokkjali u trabba għall-kenn tagħha. Il-ġenituri tiegħu bagħtuh sa minn ċkunitu fis-Seminarju fejn ħa l-edukazzjoni sekondarja. Hass is-sejħa t'Alla u tela' ġos-Seminarju Maġġuri għall-formazzjoni saċerdotali. Ġie ordnat saċerdot mill-isqof Monsinjur Ġużeppi Pace fit-13 ta' April 1958, u fl-14 ta' Mejju iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu. Għamel bosta snin viċi-parroku. U għal ħafna snin ukoll kien għalliem ta' diversi suġġetti fis-Seminarju Minuri. Kien predikatur magħruf ħafna u l-leħen sabieħ tiegħu instema' jxandar il-kelma t'Alla mhux biss ta' sikwit f'din il-bażilika, imma wkoll f'bosta knejjes ta' Malta u Għawdex. Għamel paniġierċi, ippriedka tridijiet u ta korsijiet ta' eżerċizzi spiritwali.

Fl-10 ta' Lulju 1976 ħa l-pussess bħala wieħed mill-ewwel kanoniċi ta' din il-Kolleġġjata ta' San Ġorġ. Kien assidwu fi dmirijietu, entużjasta fiċ-ċelebrazzjonijiet konventwali u leali lejn il-kolleġġjata. Kien saċerdot li ħabb il-Knisja. Ta ħajtu b'umilta', dedikazzjoni, sagrifiċċju u ferħ għaliha. F'dan kollu hu ta' eżempju għalina lkoll. Għal dan kollu għandna għaliex inroddulu ħajr. Fit-tifkira ta' dan kollu għandna biex nitfarrġu f'dawn il-mumenti li qed ngħixu llum.

Dawn huma t-tliet għemejjel li rridu nagħmlu llejla: Inroddu ħajr lilu u lil Alla għalih. Niftakru f'dak li għamel fostna u magħna, u nitgħallmu minnu. Nitfarrġu u nitolbu għalih.

Inroddu ħajr, l-ewwelnett, lil Alla. Ċertament għall-grazzja tas-saċerdozju. Iva, inroddu ħajr lil Alla għal dan is-saċerdot li fl-offerta li għamel tiegħu nnifsu lil Alla, offra ruħu wkoll lilna. Kien bniedem t'Alla u dan nixhdu għalih aħna li konna nafuh u għixna miegħu. Jixhdu għalih ukoll id-djoċesi ta' Għawdex, is-sorijiet u l-Insara kolla li semgħu l-predikazzjoni tiegħu, resqu penitenti f'riġlejh u rċivew l-Ewkaristija minn għandu.

Tixhed għalih, fuq kollox, din il-knisja parrokkjali li fiha għex, li lilha tant ħabb u li tant gawdiet mill-preżenza tiegħu u mill-ħidma tiegħu.

Iva, inroddu ħajr lil Alla għal din il-ħabba tal-qamħ li mietet għaliha nfisha biex tħalli l-frott fina: frott ta' ħajja ġdida, frott tal-grazzja tal-fidi u ta' l-imħabba li tifdi.

Niftakru wkoll f'dak li għamel u nitgħallmu minnu, kull wieħed skond l-istat tiegħu. Għex il-faqar ta' l-ispirtu tant neċessarju għal kull forma ta' ħajja Nisranija, imma speċjalment għall-ħajja saċerdotali. Il-faqar jidher fid-distakk mid-dinja u mill-familja, fid-dixxiplina spiritwali, fil-ħajja tat-talb, fis-solitudni li fiha tant drabi jsib ruħu s-saċerdot, fl-aċċettazzjoni tal-mard u tal-mewt.

Issa s-sagrifiċċju fl-art ta' Dun Nikol wasal fi tmiemu. L-opra tajba li Alla beda fih meta rċieva l-ordinazzjoni saċerdotali waslet fil-milja tagħha. Is-Sagrifiċċju Ewkaristiku li għal aktar minn 40 sena - eżattament 42 sena - offra fuq l-altar se jkompli joffrih bħala sagrifiċċju ta' tifħir u radd il-ħajr fis-sema.

Din hi x-xewqa tagħna. Din hi t-tama tagħna. Din hi t-talba tagħna. U f'din it-talba jinsab il-faraġ tagħna.

Nitolbu, ħuti, għal Dun Nikol biex Alla jilqgħu fost ir-ragħajja qaddisa tal-poplu tiegħu. Insejħu f'din it-talba tagħna l-interċessjoni ta' Marija li lejha kellu tant għożża, u l-għajnuna ta' San Ġorġ Martri li tant ħabb.

Iva, Dun Nikol ħabbu lil San Ġorġ. San Ġorġ kien il-milja ta' kull xewqa tiegħu, kien il-ferħ ta' kull ħsieb tiegħu, kien il-għaxqa ta' kull mument tal-ħajja tiegħu. Kiteb dwar San Ġorġ. Tkellem fuqu. Ippriedka l-glorja tiegħu u xerred id-devozzjoni lejh... Kien Ġorġjan u mhux ta' l-isem biss. Issa jilqgħu San Ġorġ fil-glorja. Din hi t-talba tagħna!

Iva, nitolbu għal Dun Nikol. Imma nitolbu wkoll għalina nfusna biex nimxu t-triq li mexa hu, nilqgħu d-doni spiritwali li ħallielna, niftakru fl-eżempji sbieħ tiegħu.

Tabilħaqq, Kristu l-bieraħ! Kristu llum! Kristu dejjem!

Ħa jilqgħek, Dun Nikol, Sidna Ġesù Krsitu li ħabbek sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja u ħabbek aktar fid-don tal-fidwa. Ħa jilqgħek fl-għamara li ħejja għalik u għalina lkoll,

U inti, ibqa' magħna b'imħabbtek u itlob għalina. ●

# IL-QIMA LEJN SAN LAŻŻRU FIL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

*Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap*

***Nota mill-Bord Editorjali:***
Dan l-artiklu nghatalna ghall-pubblikazzjoni mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap tliet ġimghat qabel ma miet.

### LAŻŻRU TAL-VANĠELU

L-Evanġelista Ġwanni huwa l-uniku li jitkellem minn San Lażżru, ħu Marta u Marija. Huwa jgħdilna l-ġrajja tal-qawmien imwettaq minn Kristu (Ara S.Gw. 11, 1-44), u jsemmieh ukoll fl-ikla li għamel lil Ġesù fejn qagħad għall-mejda miegħu. L-Evanġelista San Ġwann (12.2) isemmi wkoll meta Marija hadet libbra fwieħa tannard pur, tiswa ħafna, u dilket bija riġlejn Ġesù u mbagħad ixxottathomlu b'xagħarha filwaqt li d-dar imtliet b'riħa tfuħ. Lażżru li tqajjem mill-mewt minn Ġesù m'għandu x'jaqsam xejn ma' Lażżru l-fqir tal-parabbola tar-raġel għani (S. Luqa. 16, 19.31). [1]

Il-miraklu tal-qawmien ta' Lażżru huwa wieħed mill-punti prinċipali tar-raba' Vanġelu u l-karattru storiku tal-fatt ma jistax ikun suspettat. Din il-ġrajja għandha valur ta' simblu u profezija li tippefigur l-qawmien ta' Kristu u tfisser dawn in-nies li emmnu fih. [2]

### IL-QIMA LEJN SAN LAŻŻRU

Lażżru huwa wieħed mill-persunaġġi talvanġeli magħżul sa mill-bidu taddevozzjoni privata tal-fidili bħla simbolu talfidi tagħhom. Fis-Seklu IV kien fil-Liturġija ta' Ġerusalemm tal-Ġimgħa Mqaddsa u mdaħħal fil-kalendarju ta' knejjes oħra. Biss, fiż-żminijiet tan-nofs kien maħżul bħala patrun ta' knejjes oħra partikulari.

L-imkejjen mqaddsa primittivi ta' Betanja huma magħrufa b'grazzja minn djarji t' vjaġġi tal-pellegrini ta' l-Art Imqaddsa. L-'Itinerarju' ta' Bordeaux tas-sena 333 jurina l-qabar ta' Lazzru. Bejn is-sena 386 u 415 l-'Itinerarju' ta' Eteria u San Ġlormu jagħtu partikularitajiet kbar billi juru żewġ santwarji: wieħed fuq id-dar ta' Marta u Marija u l-ieħor fuq il-qabar ta' Lażżru. Il-pellegrini medjevali jgħidulna fuq kollox li ħdejn il-qabar inbena monasteru benefikat minn Karlu Manju. Fis-Seklu XII ir-rejiet ta' Ġersalemm waqqfu sorijiet (Manache) Benedittini. Mis-Seklu XVIII il-franġiskani jħarsu s-servizz tas-Santwarju. [3]

### IL-QIMA LEJN SAN LAŻŻRU FIL-LITURĠIJA LOKALI

It-tifkira ta' Lażżru kienet Iċċelebrata sa mis-Seklu IV fl-Iżvolġiment tal-liturġija tal-Palm. Skond Eteria lejliet il-Palm il-fidili ta' Ġerusalemm kienu jmorru f'purċissjoni f'Betanja jkantaw innijiet u antifoni fuq il-qabar ta' Lażżru. Id-Djaknu jaqra l-Vanġelu tal-qawmien; fil-'Lazarium' saċerdot kien lhabbar l-Għid bil-ġrajja tal-bankett ta' Betanja. Għal dan l-uffiċċju kien ġie mogħti l-isem 'Sibt Lażżru', u fil-Liturġija ta' wara baqa' bħala appellattiv tal-Vġili tal-Palm. Fis-Seklu VI, kif jgħid il-pellegrin Teodosio, il-funzjoni mqaddsa kienet trasferita għal Ħadd stess tal-Palm. [4]

Fil-Lvant it-tifkira antika li tissemma ta' din il-festa tidher dik li tinqara f'omelija ta' Toto ta' Nostra (M.364-378). Omeliji oħra li saru fl-istess ċirkustanza jmorru taħt ismijiet ta' ħafna missirijiet tal-Knisja. San Ġwann Krizostmu, San Anfilochio d'Iconio, San Bażilju ta' Seleucia, San Esichio ta' Ġerusalemm fis-Seklu V, imbagħad San Andrea ta' Kreta, San Leonzio d'Arabissos, Giovanni d'Eubea', San Teodoru Studita, San Ġużepp tat-Tessalonika, Leonzio ta' Kostantinopli u Leonzio ta' Ġerusalemm. [5]

Fil-Punent it-tradizzjoni primittiva ta' 'Jum Lażżru' tħawwdet bid-daħla ta' tagħlim fil-liturġija tar-Randan. Jista' jingħata l-kaz li ċerti omeliji patristiċi joffru xhieda favur l-użu antik. Skond S. Wistin il-figura ta' Lażżru kienet tidher fl-uffiċċju tal-lejl u fil-quddiesa ta' Ħadd il-Palm fl-Afrika. Minn priedki oħra ta' Missirijiet il-Knisja bħal San. Cromazio ta' Aquileia, San Massimo ta' Torin, San Pietru Crisologu, nafu biss li kienu jingħadu matul ir-Randan. [6]

### IL-LEĠĠENDA TA' LAŻŻRU

Għall-bidu tas-Seklu VII id-devozzjoni popolari biex tissodisfa l-kurżita' bijografika bdiet tgħid il-ġrajja ta' wara l-qawmien ta' Lażżru u tagħmlu isqof u martri li mar Ċipru (fejn fis-Seklu X ir-relikwiji tiegħu ġew meħuda f'Kostantinopli fil-monasteru meqjum lilu). Tradizzjoni iktar tardiva tgħid li mar f'Marsilja. Hawn Lażżru kkonverta pagan u suldati mibgħutin biex jarrestawh. Imxebbah ma' Lażżru l-Fqir tal-Vanġelu ta' San Luqa (16, 19-31) kien meqjum bħala patrun tat-tallaba u ta' dawk li jħaffru l-oqbra. Is-'Sinassario Costantinopolitano' jagħmel it-tifkira tiegħu fis-17 ta' Ottubru, u fl-4 ta' Mejju (dati tat-tranlazzjoni tar-Relikwiji minn Ċipru għall-Kostantinopli). Il-Martiroloġju Ruman ( li jiddependi minn Adone ta' Vienne) jagħmel it-tifkira tiegħu fis-17 ta' Diċembru. [7]

### IL-QIMA LEN SAN LAŻŻRU FIL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

F'Għawdex l-uniku artal bil-kwadru ta' San Lażżru ta' Betanja ħu Marta u Marija, jeżisti biss fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Dwar Malta għandi dubju jekk jeżistix xi artal ta' dan il-qaddis imqajjem mill-mewt minn Kristu wara erbat ijiem midfun.

Il-qima lejn San Lażżru fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ ilha teżisti sa mis-sena 1621. Hekk li fil-Vista Pastorali ta' l-Isqof Baldassare Cagliares tal-Ġimgħa 24 t'April 1621 naqraw: 'Fuq in-naħa tax-xellug tal-Knisja (il-Knisja il-qadima ta' qabel dik ta' illum mibnija bejn l-1672 u l-1678) hemm artal mibni ġdid taħt l-isem tal-Karita". L-artal kien tal-ġebel u kien jixraq biex fuqu jsir il-quddies. Għandu tarġa ta' l-injam. Il-pittura turi l-Qawmien mill-mewt ta' San Lażżru mill-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Quddiem fil-kwadru hemm ġemgħa ta' nies. Hemm il-qaddisin Marta u Marija Maddalena u l-Appostali. L-ikona (il-pittura) hija sabieħa. [8]

B'xorti tajba dan il-kwadru qadim ta' San Lażżru għadu jinżamm b'għożża fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Huwa wirt storiku u artistiku tal-Parroċċa antika tagħna u llum jinsab fis-sagrestija l-ġdida.

Meta fis-snin 1672-1678 nbniet mill-ġdid il-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ f'forma ta' Salib Latin u bil-koppla (l-ewwel knisja f'Għawdex mibnija f'din l-għamla) xogħol ta' l-rkitett magħruf Vitor Cassar (iben il-magħruf arkitett Malti Ġlormu Cassar) il-Kappellun ta' fuq ix-xellug (In Cornu Epistolae) ġie dedikat lil San Lażżru. Il-kwadru kbir u famuż ta' San L:ażżru huwa biċċa xogħol artistika ħafna. Huwa tl-pittur Ġużeppi d'Arena mlaqqam ir-Ruman. [9] Dan il-kwadru ta' Ġużeppi d'Arena kien pittru fl-1689 u ġie mħallas minn Ganni Gourgion.

L-artal tar-rħam ta' San Lażżru kien sar fis-sena 1923 u ġie mħallas minn Mons. Tes. Ġorġ Farrugia. Fil-ġenb t' dan l-artal fuq il-lemin hemm din il-kitba bil-latin: Georgii Farrugia S.E. Cath. Canonici Munificentia Et Amore In D. Georgium M.P. A.D. MCMXXIII. Mons Isqof Mikiel Gonzi (1924-1944) kien ikkonsagra dan l-artal ġdid ta' rħam fit-3 ta' Mejju 1938. [10]

Il-kwadru artistiku ta' San Lażżru tal-pittur Gużeppi d'Arena ġie maqlugħ minn postu nhar l-Erbgħa 18 ta' Frar 1998 biex jiġi restawrat mis-Sur Godwin Cutajar mill-Fontana. It-Tnejn 13 ta' Lulju 1998 dan il-kwadru kbir restawrat kien ġie nawgurat u mbierek mill-Isqof Mons Nikol Cauchi. F'din l-okkażjoni saret akkademja mużiko-letterarja u tkellem is-Sur Mario Buhagiar u kanta l-Chorus Urbanus taħt it-tmexxija ta' Mro. John Galea. Il-kwadru reġa' tpoġġa f'postu dak in-nhar stess fil-għaxija. [11]

***RIFERENZI***


1. Bibliotecha Sanctorum Vol. 1. p.1136
2. Ibid. P.1137
3. Ibid. pp. 1135,1139
4. Ibid. p.1139
5. Ibid. p.1140
6. Ibid p. 1140
7. C. Leonardi-A.Riccardi-G.Zarri. Il-Grande Libro Dei Santi. Dizionario Enciclopedico. (1998) Vol. II. G.M. p.1168
8. A.E.G. - V.P. Baldassare Cagliares
9. Mon. Dun Gużepp Farrugia. Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu. It-Tieni Ktieb (1953) p.48.
10. Kan. Dun Nikol Vella Apap. Storja tal-Knisja f'Għawdex. Ms. Vol. III. P. 78
11. Dkan. Dun Nikol Vella Apap. Kronaka Vol. 32. Pp.298,494

# Rokna għat-Tfal



Għeżież Tfal,

Kif intom! Ċert li tinsabu ferħanin meta tafu li l-Milied wara l-bieb. U ma jistax ikun mod ieħor. Imma intom qatt ħsibtu dan il-ferħ kollu mnejn hu ġej! Jew tieħdu kollox 'for granted'! Xejn ma jsir b'kumbinazzjoni!

Elfejn sena ilu, f'għar kiesaħ, f'nofs lejl xitwi, twieled Ġesù Bambin, għan-nifs sħun t' baqra w ħmara. Tafu daqsi x'ferħ kbir iġġib fil-familja tarbija ġdida! Aħseb uara jekk fil-grotta ta' Betlem twieldet it-tarbija divina. Tinsewx immela minn fejn ġej dan il-ferħ ġenwin li ġġib magħha l-festa għażiża tal-Milied.

Naturalment din il-ġrajja aħna nfakkruha billi fid-dar, fost ħwejjeġ oħra nibnu l-presepju. Dan importanti li jsir u bħalma kienu jagħmlu niesna ta' dari għaliex aħna wkoll ma nżommux dik id-drawwa sabiħa u matul in-Novena ninġabru quddiem Ġesù Bambin nitolbu flimkien! Ħaġa sabiħa wkoll li tattendu fil-knisja matul dawn id-disat ijiem ta' tħejjija u tieħdu sehem fil-quddiesa li ssir apposta għalikom.

Jiena ċert li matul Novembru sibtu ħin titolbu fuq l-oqbra tal-familjari tagħkom. Bla dubju, għall-erwieħ tagħna ma nitolbux biss matul dan il-ħdax-il xahar tas-sena, imma wkoll kull meta nsiobu ċ-ċans li nagħmlu dan. Kellna wkoll il-festa ta' l-Immakulata. Tinsewx li matul din is-sena li waslet biex tintemm, il-Papa Piju IX li pproklama d-Domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, sar Beatu, u hemm il-ħsieb li fi frar 2001, issir Akkademja fil-Knisja tal-Patrijiet ta' San Franġisk, Victoria biex jitfakkar dan il-Papa.

Intant, nittama li tgawdu l-vganzi tal-Milied, billi qabel xejn tattendu għall-ookżjonijiet sbieħ li jsiru fil-Bażilika tagħna (naħseb li fostkom hemm dak l-ixxurtjat li ser jagħmel ilPriedka tal-Milied) u mbagħad issibu wkoll ħin biex tgawdu l-parties u divertiment ieħor.

Fl-aħħarnett, sewwa tagħtu ħarsa lura lejn dak kollu li għamiltu matul is-sena u taraw x'mar ħażin, biex fejn hu mgħawweġ, niddrittawh u nkomplu ntejbu fuq dak li għamilna. Ilkoll kemm aħna fil-ħajja rridu nagħmlu l-proponimenti tagħna biex il-ġejjieni jkun wieħed sabiħ u ta' ġid.

Sakemm nerġgħu niltaqgħu, il-Milied it-Tajjeb u nixteqilkom Sena Ġdida kollha rizq.

*Iz-Zijju Peppi*

# NUTCRACKER

## *Spettaklu ta' żfin u mużika fit-Teatru Astra*

Attrazzjoni kbira tal-palk f'Għawdex fuq livell internazzjonali se tkun ix-Show tal-Ballet 'NUTCRACKER' li ser issir esklussivament fit-Teatru Astra nhar is-Sibt 9 ta' Diċembru 2000 fis-7.00pm. Ix-Show, kapolavur tal-kompożitur Russu Tchaikovsky, ser tiġi mtella' mill-kumpanija rinomata 'Ballet Classique de Paris' bis-sehem ta' solisti mill-korp tal-Ballet ta' Kiev.

Bla dubju din hija okkażjoni unika għad-dilettanti kollha tal-palk f'dawn il-gżejjer, iżda partikolarment għal dawk kollha li jħobbu ż-żfin tal-ballet sabiex jaraw uħud mill-aqwa ballerini fid-dinja jtellgħu dan l-ispettaklu ta' mużika, żfin, dwal u kuluri. Hija show mill-iktar prestiġjuża mhux biss għat-Teatru Astra, fejn qed tiġi meqjusa bħala ħolqa oħra fil-katina twila ta' spettakli preżentati f'dawn l-aħħar 32 sen, iżda wkoll għall-pajjiżna.

Il-'Ballet Classique de Paris' attwalment jinsab fuq tour isaħħar udjenzi kbar f'teatri madwar l-Ewropa kollha permezz ta' din ir-rappreżentazzjoni. Din is-sena in-'Nutcrcker' diġa saret b'suċċess fi Zurich, Oslo, Copenhagen, Madrid, Berlin u Munich. Malta u Għawdex ġew inklużi f'dan it-tour u effettivament wara x-Show fit-Teatru Astra, in-'Nutcracker' ser tittella' darbtejn f'Dar il-Mediterran.

Il-'Ballet Classique de Paris', b'27 sena ta' esperjenza warajh, għandu l-unur li tella' Iżjed minn 3000 spettaklu fl-aqwa bliet Ewropej. F'Malta l-istess kumpanija kienet tat shows fis-snin 1980 u 1983. Is-solisti għall-produzzjoni ta' din is-sen huma Tomoko Yamaguchi, Olga Lysenko, Gennady Bespencheny u Vitalij Vosolin.

## BDEW IT-TĦEJJIJIET GĦAĊ-ĊENTINARJU L-KBIR TA' SAN ĠORĠ TAS-SENA 2003

L-Arċipriet Mons Gużeppi Farrugia f'kolaborazzjoni mal-President tas-Soċjeta' 'La Stella' is-Sur Dolindo Cassargħadu kemm waqqaf Kumitat apposta biex jibdew it-tħejjijiet għal-Festi Ċentinarji li ser jinżammu fis-sena 2003 f'ġieħ il-patrun tagħna u ta' gżiritna San Ġorġ Martri. Dawn il-Festi kienu tħabbru waqt il-Konċelebrazzjoni Solenni tat-23 ta' April li għadda.

Il-Kumitat, li ltaqa' għall-ewwel darba nhar is-Sibt 11 ta' Novembru 2000, taħt il-presidenza ta' Mons. Arċipriet, qed iħejji sensiela ta' attivitajiet pastorali u kulturali, mhux biss għas-sena taċ-ċentinarju, imma wkoll għas-snin ta' qabel bi tħejjija għas-sena ċentinarja. Fil-fatt ġa ġew iffurmati diversi sotto-kumitati biex jieħdu ħsieb diversi aspetti ta' dak li hemm maħsub li jiġi organizzat għall-dan iċ-Ċentinarju l-Kbir ta' San Ġorġ.

Il-Kumitati fi ħdan il-Parroċċa tagħna jridu jagħtu wkoll is-sehem tagħhom biex dak li qed jiġi mħejji jkollu suċċess. Iżda biex il-festi ċentinarji u l-attivitajiet bi tħejjija għalihom ikollhom suċċess jeħtieġ li l-Komunita' Parrokkjali kollha tippartecipa bi sħiħ fihom.

Iktar 'l quddiem nagħtu dettalji aktar dwar dak li qed jitħejja u nħeġġu lil kull min jista' jagħti kontribut biex jikkuntatja lill-Arċipriet ħalli dawn il-festi ċentinarji jsiru bi profitt spiritwali u jkunu suċċess kif dejjem kienu l-festi kbar li ġew organizzati mill-Parroċċa tagħna.

# KUNCERT KOMMEMORATTIV F'GIEH JOSEPH VELLA DIRETTUR MUZIKALI TAS-SOCJETÀ FILARMONIKA LA STELLA



**Nhar is-Sibt 18 ta' Novembru s-Soċjeta' Filarmonika La Stella sellmet lis-Surmast Direttur tagħha, il-Prof. Joseph Vella f'għeluq it-30 sen mill-ħatra tiegħu bħala surmast tagħha, b'kunċert kommemorattiv u ċelebrattiv fis-sla spazzjuża tat-Teatru Astra. Il-pubbliku numeruz seta' jappreзza għal darba oħra l-livell għoli ta' esekuzzjoni mużikali li din il-Banda Ċittadina Ewlenija fi gżiritna taħt id-direzzjoni tal-Professur Joseph Vella hija magħrufa għalih.**

Il-banda fetħet il-programm ferm impenjattiv tagħha b'marċa funebri, kompożizzjoni tas-surmast, dedikata lill-mibki Mons Emanuele Mercieca, l-ewwel Arċipriet tal-Kolleġġjata Ġorġjana, pilastru ta' dinjita', benefattur ħabrieki tal-Bażilika u direttur spiritwali tas-Soċjeta' La Stella. Din il-marċa hija l-21 waħd li s-surmast Vella ddedika matul is-snin lill-bandisti u benefatturi diversi tas-Soċjeta'.

F'dawn l-aħħar snin żviluppat il-prattika li solist mal-banda jesegwixxi silta bl-akkumpanjament tal-kumpless bandistiku. Din id-darba wkoll inżammet it-tradizzjoni u l-prim klarinettist bravu tal-Banda, Mario Galea mexa fuq il-passi ta' missieru Sunny u rregala lis-semmiegħa b'esekuzzjoni impekkabbli tal-Concerto no.2 in Eb Major op. 74 ta' Carl Maria von Weber. Dan huwa xogħol ta' sbuħija kbira u ta' daqstant ieħor diffikulta'. Mario Galea ħareġ bl-unuri kollħ u wera dominazzjoni sħiħa ta' l-istrument sew fil-qasam tat-teknika kif ukoll fil-qasam tad-dinamika u tal-fraseġġ intelliġenti.

Wara Mario Galea kien imiss lill-aħwa George u Frank Camilleri fuq l-euphonium u l-althorn rispettivament. Huma interpretaw il-Grand Russian Fantasy ta' Jules Levi b'arranġament tas-Surmast Paul Borg li wkoll hu l-għalliem tagħhom. L-aħwa Camilleri huma mogħnija b'teknika stupenda u b'mużikalita' fina li toħroġ f'kull nota li jdoqqu. Wieħed ma jistax ma jinnotax iċ-ċarezza u l-artikolazzjoni ritmika, preċiża u puntwali li s-solisti kif ukoll diversi sezzjonijiet tal-banda, tibda mill-woodwind u tibqa' sejjer, urew matul l-esekuzzjoni t' din is-silta.

Ir-raba' silta, Selection mill-opra Macbeth ta' Giuseppe Verdi fuq arranġament għall-Banda minn Joseph vella ġedded il-memorji sbieh tat-trijonf li kisbet din l-opra meta ttelgħet fit-Teatru Astra fl-1997. Il-Banda laqgħet l-isfida li l-partitura kumplessa u mimlija bil-melodiji immortali toffri u ħarġet bl-unuri kollha. Il-padrunanza fit-teknika u fl-interpretazzjoni li uriet il-banda huma rifless tal-padrunanza assoluta li wera s-surmast direttur ta' l-irqaqat kollha li jiffurmaw in-nisġa ta' din is-Selection drammtika. Il-maestrija murija b'diskrezzjoni kbira li huma sinonimi ma' l-istil ta' Joseph Vella għenu mhux ftit sabiex il-banda setgħet tilħaq il-livell ta' eċċellenza fl-esekuzzjoni li laħqet fil-Macbeth. Is-solisti Mario Mizzi (Tromba Sib), Joe Borg (saxaphone tenore), Frank Cmilleri (althorn) u Anton Sacco (euphonium) haqqhom kull tifħir għll-interpretazzjoni stilistikament u teknikament perfetta tagħhom. Dawn is-solisti jkomplu jonoraw it-tradizzjoni ta' primat li l-Banda La Stella dejjem gawdiet fil-qasam tas-solisti.

Il-programm issokta bl-esekuzzjoni brillanti ta' l-overture 'Festive Bells' ta' Joseph Vella li ġie esegwit għall-ewwel darba f'din is-serata. Din l-overture trid tfakkar it-30 anniversarju mill-ħtra tal-kompożitur innifsu fit-tmun tal-Banda La Stella. Din is-silta, li kellha bħala solista lil Maria Frendo li daqqet il-qniepen tubulari, tista' titqies bħala kunċertin għall-qniepen tubulari. Is-solista, li isimha u ħidmieta huma sinonimi ma' eċċellenza fil-qasam korali operistiku tat-Teatru, fost impenji oħra, kompliet saħħet ir-reputazzjoni tagħha ta' vesatilita' kbira fil-qasam tal-mużika. Il-banda għarfet tisspondi għall-istil ferrieħl u kommoventi tas-silta li ntlaqgħet b'applaws kbir minn dawk preżenti.

Il-kunċert għalaq b'overture oħra tas-surmast 'Fanfares for an occasion' li huwa kkompona għll-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat f'għeluq il-25 sena li huwa għamel bħala surmast tagħha. Il-banda rrispondiet b'deċiżjoni għall-indikazzjonijiet tas-surmast direttur li għaraf mill-ewwel jimposta l-istil ritmiku u eċitanti ta' din l-overture. Din is-silta kompliet toħroġ is-sbuħija tonali li tikkaratterizza din il-Banda flimkien m' l-ispektrum wiesa' ta' dinamika li jgħollu ferm 'l fuq il-Banda Ċittadina La Stella fil-qasam bandistiku ta' pajjiżna.

Prof. Vella ġie preżentat b'rigal ta' tifkira li jrid jesprimi ir-rikonoxximent tas-Soċjeta' La Stella lejh għax-xogħol ta' valur inestimabbli li huwa wettaq b'lealta' kostanti u b'integrita' kbira professjonali matul dawn it-tletin sena li ilu jokkupa l-kariga u li permezz tiegħu s-Soċjeta' La Stella llum tgawdi isem ta' prestiġju kbir u ta' primat indiskuss fil-qasam mużikali operistiku u bandistiku ta' pajjiżna. ■




A+M PRINTING LTD. - Qala - 553217